# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 63**

**Rikors numru 833/14/1 JZM**

**T&L Holdings Limited (C-8054)**

**v.**

**Francis Busuttil & Sons Limited (C-334), Michael Busuttil, Maria Schaerrer, Simone Pace, Natasha Busuttil, Rebecca Darmanin Kissaun, Christian Busuttil, Maryanne Lanzon, Joanna Decesare, Roberta Pecci, Paul Busuttil, Joseph Busuttil, Claire Pace, Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited (C-26763)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ta' T&L Holdings Limited, ippreżentat fl-24 ta' Settembru, 2014, li fih jingħad:

"1. Illi T&L Holdings Limited ghandha l-proprjeta` ta` 20% tal-kapital azzjonarju tal-Kumpannija Francis Busuttil & Sons Limited (C334) [FBS].

2. Illi FBS kienet giet imwaqqfa mill-hames ahwa Busuttil, u cioe` Anthony, Charles, Frank, Joseph u Louis Busuttil (Founding Members). Illum il-kumpannija FBS taqdi funzjonijiet ta` holding company u tramite diversi sussidjarji tikkontrolla n-negozju tal-familja Busuttil, negozju li jinkludu fost l-ohrajn kumpanniji maghrufa bhala Foster Clarke Products Limited.

3. Kull wiehed mill-Founding Members kellu 20% tal-kapital azzjonarju tal-kumpannija FBS u kellu wkoll, ghax dan kien il-patt bejn l-azzjonisti, id-dritt li jinnomina direttur ghal fuq il-Bord tad-Diretturi tal-Kumpannija.

4. Illi originarjament id-diretturi tal-Kumpannija kienu l-hamest ahwa. Kull darba li rrizenja jew miet direttur dan gie sostitwit minn membru tal-familja tieghu u dan skont ix-xewqa tal-familja tieghu li f`dak il-mument kienu azzjonisti tal-kumpannija u flimkien kellhom ghoxrin fil-mija tal-ishma tal-kumpannija. Dan ifisser li bejniethom kellhom id-dritt li jinnominaw direttur.

5. Illi l-ezistenza tal-patt bejn l-azzjonisti huwa ndubitat u ghalkemm ma jirrizultax formalment mill-istatut tal-Kumpannija, kien gie segwit skrupolozament sakemm inqala` l-kaz mertu ta` dawn il-proceduri.

6. Illi whud mill-azzjonisti u diretturi tal-kumpannija intimata qed jippretendu li qatt ma kien hemm patt f`dan is-sens.

7. Illi ricentement ir-rikorrenti talbet li tinnomina direttur gdid minflok id-direttur precedentement minnha precedentement nominat, u cioe` li Franco Busuttil, jigi sostitwit b`Jean Paul Busuttil, werriet iehor ta` Louis Busuttil. Il-Kumpannija, izda, sorprendentement, irrispondiet li r-rikorrenti, bhala azzjonista, ma kellhiex il-jedd li tinnomina direttur ghaliex dak il-jedd kien jispetta biss lill-maggoranza tal-membri tal-Kumpannija migbura f`laqgha generali. Hemm skambju ta` korrispondenza fuq il-kwistjoni li qieghed jigi esebit u mmarkat Dokument A.

8. Illi r-risposta tal-kumpannija hija wahda zbaljata ghaliex ma tihux kont tal-patt u anzi tmur kontra l-patt li jezisti bejn l-azzjonisti.

9. Illi l-agir tal-intimati jew min minnhom huwa ta` hsara ghar-rikorrenti li ghandha interess car u evidenti li tenforza l-patt premess.

10. Illi r-rikorrenti qed taghmel din il-kawza biex tenforza d-drittijiet taghha.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk li jistghu jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza r-rikorrenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-Kumpannija T&L Holdings Limited ghandha l-jedd li jigi mahtur fuq il-Bord tad-Diretturi ta` Francis Busuttil & Sons Limited dik il-persuna li minn zmien ghal iehor joghgobha tinnomina.

Bl-ispejjez ta` dawn il-proceduri kontra l-intimati jew min minnhom. B`riserva ta` kull azzjoni ghad-danni spettanti kontra l-intimati jew min minnhom. L-intimati u/jew ir-rapprezentanti taghhom huma minn issa ngunti in subizzjoni".

2. Rat ir-risposta ġuramentata ta' Rebecca Darmanin Kissaun, Natasha Busuttil, Paul Busuttil, Joanna Decesare, Mary Ann Lanzon, Roberta Pecci Busuttil, Clarissa Pace, Maria Schaerrer Busuttil, Simone Pace Busuttil, Christian Busuttil, Joseph Busuttil, u Michael Busuttil, ippreżentata fis-16 ta' Ottubru, 2014, li permezz tagħha eċċepew:

"1. It-talba ghandha tigi michuda ghaliex mhux minnu li T&L Holdings Limited ghandha l-jedd li jigi mahtur fuq il-Bord tad-Diretturi ta` Francis Busuttil & Sons Limited dik il-persuna li minn zmien ghal zmien joghgobha tinnomina.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra".

3. Rat ir-risposta ġuramentata ta' Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited, ipprezentata minnhom fit-23 ta' Ottubru, 2014, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. ILLI huma jaqblu ma` l-ezistenza ta` dan il-patt illi l-membri u azzjonisti tal-familja tal-*founding members* cioe` *legacy families* tal-hames membri inizjali, jinnominaw Direttur fuq il-Bord tad-Diretturi ta` Francis Busuttil & Sons Limited (FBS). Jigi ccarat ukoll illi Brian Busuttil proprio u mhux Stealth Holdings Limited huwa azzjonist f`FBS.

Tant illi meta tnehhiet Suzanne Busuttil minn Direttur f`FBS, fi proceduri ohrajn quddiem din il-Qorti, gie invokat inter alia proprju dan il-fatt. L-

esponenti izidu ighidu illi hija naturalment id-decizjoni tal-azzjonisti tal-familja tal-*founding member* il-persuna li tkun nominat/a bhala Direttur.

Ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, jirrimettu rwiehom ghad-decizjoni tal-Qorti.

Jissemma` biss li l-esponenti jichdu kull responsabilita` ghal pretensjoni ta` danni, aktar u aktar meta tilfu rapprezentant taghhom f`FBS".

4. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Francis Busuttil & Sons Limited, ippreżentata fis-27 ta' Ottubru, 2014, li permezz tagħha eċċepiet:

"1. Illi r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti/l-azzjonisti huma regolati blAtt Socjali u in mankanza bid-disposizzjonijiet tal-Ligi dwar il-Kumpaniji (l-Att).

2. Illi l-att socjali tas-socjeta esponenti ma jaghti l-ebda dritt lil uhud mill-azzjonisti li jahtru direttur u lanqas ma jipprovdi dwar dan.

3. Illi ghalhekk il-materja dwar il-hatra ta` diretturi hi regolata bl-Artikolu 139(4) ta` l-Att.

4. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost anke kieku ghal grazzja ta` l-argument kien hemm xi patt (li del resto lanqas hu in iscritto) kif qeghda tippretendi s-socjeta rikorrenti, barra mill-att socjali, huma l-att socjali u l-Att li jipprevalixxu.

5. Illi barra min dan fost id-diretturi prezenti tas-socjeta esponenti hemm Franco Busuttil li hu azzjonist ta` l-istess socjeta rikorrenti.

6. Illi l-esponenti nomine jiddikjara li hu jaf il-fatti fuq citati personalment.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez".

5. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Marzu, 2017, fl-ismijiet premessi, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Suzanne Busuttil u Stealth

Holdings Limited, laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-oħra u ċaħdet it-talbiet attriċi. Ordnat lill-konvenuti Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited sabiex iħallsu l-ispejjeż tagħhom, filwaqt li ordnat lill-kumpanija attriċi sabiex tħallas il-bqija tal-ispejjeż tal-kawża.

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "**III.** **<u>L-azzjoni attrici</u>**
>
> Din il-kawza giet promossa in vista ta` dizgwid li nqala` meta Franco Busuttil, li skont T&L, kien jirraprezentaha fuq il-bord tad-diretturi ta` FBS informa lil hutu Louiana u Jean Paul illi kien qed jirrizenja minn direttur. Ghalhekk T&L ghaddiet biex tinnomina lil Jean Paul bhala direttur ta` FBS. Madanakollu, l-azzjonisti ta` FBS ma tawx effett ghan-nomina billi sostnew illi T&L m`ghandhiex il-jedd illi tahtar fuq il-bord tad-diretturi ta` FBS lill-persuna nominata minnha.
>
> T&L qeghda ssostni illi bejn l-azzjonisti ta` FBS kien hemm u ghad hemm ftehim illi kull *original shareholder* taghha (frazi illi hija definita fl-*articles of association* ta` FBS) u l-familja immedjata ta` l-istess ghandhom id-dritt li tkun appuntata fuq il-bord tad-diretturi ta` FBS dik il-persuna skont l-ghazla taghhom sabiex kull familja ta` l-original shareholders ikunu rapprezentati fuq il-bord.
>
> Ghalhekk is-socjeta` attrici pprezentat din il-kawza dikjaratorja sabiex il-Qorti tikkonferma dan id-dritt hekk kif pretiz minn T&L.
>
> **IV.** **<u>Ir-ragunijiet tas-socjeta` attrici</u>**
>
> Is-socjeta` attrici gabet ir-ragunijiet taghha sabiex issostni l-pretensjoni taghha.
>
> Tikkontendi li kien hemm **<u>prassi kostanti</u>** li saret *shareholders` agreement* ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.
>
> Is-socjeta` attrici taghmel l-argument illi ftehim bejn l-azzjonisti huwa validu u ma hija mehtiega ebda formalita` ghall-validita` tieghu.
>
> Tghid illi l-esistenza ta` dan il-ftehim tirrizulta *inter alia* minn prattika kostanti ta` l-azzjonisti ta` FBS u tal-kumpannija stess.

Skont is-socjeta` attrici, dak illi jsehh biex jinhatar direttur, huwa li l-*original shareholder* jew il-familja tieghu jindika x-xewqa tieghu u l-azzjonisti l-ohra kollha u l-kumpanija kienu jaghtu effett ghal din ix-xewqa billi jghaddu ghall-hatra. Dan kien isir bil-prezentata tal-Form K.

Skont is-socjeta` attrici, bhala *afterthought* u wara li tkun saret effettiva l-hatra, FBS kienet ticcirkola *ordinary resolution* bejn l-azzjonisti kollha li kienu jiffirmawha.

Skont is-socjeta` attrici, din ir-risoluzzjoni kienet biss semplici *rubber-stamping* ta` l-ghazla tal-familja koncernata li tkun qed taghzel id-direttur.

Is-socjeta` attrici tishaq illi din il-prassi fil-familja evolviet ruhha go *shareholders agreement* li jitwettaq dan il-metodu ta` hatra ta` diretturi, liema ftehim isir att tal-kumpannija, bl-istess mod bhallikieku ttiehdet decizjoni mill-azzjonisti fil-laqgha generali.

Saret referenza ghas-sentenzi Inglizi : **Re George Newman & Co (1895) 1 Ch 674 ; Parker and Cooper Ltd v Reading (1926) Ch 975 ; Re Pearce Duff & Co Ltd (1960) 3 All ER 222 ; Re Bailey, Hay Co ltd (1971) 3 All ER 693 ; u Re Gee & Co (Woolwich) Ltd (1974) 1 All ER 1149**.

Saret ukoll referenza ghal **Cane v Jones** (1981) 1 All ER 533 fejn inghad illi ftehim bejn l-azzjonisti kollha kien bizzejjed sabiex jemenda l-*articles of association* ta` kumpannija ghalkemm ma tkunx ittiehdet jew ghaddiet rizoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti.

Inghad ukoll illi ftehim bejn azzjonisti ghandu jitqies illi huwa fondat fuq il-principji tad-dritt dwar l-obbligazzjonijiet kontrattwali. Li hu importanti huwa li jkunu jissussistu r-rekwiziti tal-ligi li trid il-ligi sabiex ikun hemm kuntratt.

Is-socjeta` attrici ghamlet riferenza wkoll ghall-fatt li sehem ta` kumpannija huwa pakkett ta` drittijiet li l-azzjonista jkollu bhala konsegwenza tal-partecipazzjoni tieghu fil-kapital tal-kumpannija. Ghalhekk id-dritt tal-vot huwa biss wiehed mid-drittijiet konsegwenzjali, u fl-istess hin jaghmlu parti mis-sehem li l-azzjonista jkollu. Ghalhekk ma hemm xejn li jipprekludi azzjonista milli jiftiehem ma` azzjonista iehor jew anke ma` terz dwar kif ghandu jezercita d-dritt tal-vot tieghu, u dan iktar u iktar meta d-dritt ta` l-vot huwa essenzjalment dritt ta` proprjeta` (ara : **Re Astec (BSR) plc (1998) 2 B.C.L.C 556**)

Saret referenza ukoll ghall-kaz ta` **Greenwell v Porter** (1902) 1 Ch 530 fejn inghad illi:-

> *"It is common for the members for the time being of a private company to make among themselves a separate contract, called a unanimous shareholders` agreement, which supplements the articles and binds the*

> *members to operate the articles in a particular way. This is a private contract that does not form part of the company`s constitution".*

Is-socjeta` attrici kompliet tfisser illi ma hemm xejn fil-ligi li jesigi li ftehim bejn l-azzjonisti ghandu jkun bil-mitkub. Infatti ftehim in kwistjoni ma jinkwadrax ruhu fl-ambitu tal-Art 1233 tal-Kap 16. Kuntratt tax-xorta in ezami jista` jigi perfezzjonat bil-komportament uniformi tal-partijiet fin-negozju ta` bejniethom.

Saret ukoll referenza ghall-materja ta` obbligi assunti implicitament jew b`akkwiexxenza. Kien citat l-awtur **Gabba** li jsostni illi s-silenzju wahdu ghandu l-effett ta` assunzjoni ta` obbligu kull meta l-partijiet ghandhom ixxjenza tal-fatt.

Ghalhekk is-socjeta` attrici taghmel l-argument illi l-azzjonisti kollha fiz-zmien relevanti kellhom gharfien tal-ftehim tal-awturi taghhom u taw effett ghal dak il-ftehim mal-medda tas-snin, minghajr ilmenti dwar il-validita` jew l-incidenza tal-applikazzjoni prattika tieghu.

Min-naha taghhom, il-bicca l-kbira tal-intimati (bl-eccezzjoni ta` Suzanne u Brian Busuttil) isostnu anke fil-kaz tal-lum id-diretturi jinhatru bil-vot tal-azzjonisti skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 386.

Fl-Art 139(6) tal-Kap 386 jinghad illi l-hatra ssir '*by ordinary resolution of the company in general meeting'.*

In effetti l-*memorandum u l-articles of association* ta` FBS (art 7.2) jipprovdu biss li d-diretturi ghandhom jigu maghzula jew eletti minn fost il-membri stess (*The directors shall be chosen or elected from members in the company or members in the shareholding companies*).

## V. Il-hatriet

**Minn analizi ta` x`sar matul is-snin meta nhatru diretturi biex jiehdu post kull wiehed mill-hames subien ahwa Busuttil, il-Qorti tista` tasal ghal konkluzjoni taghha dwar jekk kienx hemm prassi, li biz-zmien saret konswetudni, jew li hadet is-sostanza ta` *shareholders` agreement* li jmur oltre l-*memorandum u l-articles of association*.**

### a) Il-hatra ta` Michael Busuttil minflok missieru Frank Busuttil

Is-socjeta` attrici sahqet illi meta miet Frank Busuttil, kien mahtur ibnu Michael minghajr ebda formalita` ghajr li kienet registrata Form K.

Inghad ukoll illi ma tressqitx prova li sabiex saret din il-hatra, ittiehed xi vot jew saret rizoluzzjoni tal-kumpannija.

Il-Qorti ma taqbilx illi kien ippruvat illi l-hatra saret minghajr diskussjoni jew formalita`.

Huwa minnu li ma nstabux rizoluzzjonijiet ta` l-azzjonisti dwar din il-hatra partikolari izda b` daqshekk ma jfissirx li kien hemm prassi li kull direttur jigi mahtur mill-*original shareholder* jew il-familja immedjata tieghu.

Inoltre sabiex prassi tista` titqies li tkun evolviet biex issir soggett tad-dritt, irid ikun hemm *long term pattern,* kif ser tispjega aktar `il quddiem.

Fil-kaz tal-lum, dan ma rrizultax.

**b) <u>Il-hatra ta` Franco Busuttil minflok missieru Louis Busuttil</u>**

Meta miet Louis Busuttil, is-socjeta attrici rrilevat illi kien hemm skambju ta` ittri mal-Av. Joseph J. Vella – *company secretary* ta` FBS – fejn T&L kienet mistiedna tinnomina direttur '*in line with what had been done some years ago on the passing away of Frank Busuttil, on which occasion Michael Busuttil had been appointed to serve on the Board of FBS'*.

Is-socjeta` attrici tkompli tghid illi Franco Busuttil kien nominat permezz ta` rizoluzzjoni taghha ; imbaghad l-ghazla taghha kienet ikkonfermata b`rizoluzzjoni unanima ta` l-azzjonisti ta` FBS. Kien rimarkat illi ma kien hemm l-ebda diskussjoni, kontestazzjoni jew konsultazzjoni ma` l-azzjonisti l-ohra dwar l-ghazla li kienet ghamlet T&L ; l-azzjonisti l-ohra kemm taw effett ghal dik l-ghazla.

Madanakollu tajjeb jinghad illi fl-ittra tal-Av Vella lil T&L tas-27 ta` Frar 2003 inghad kjarament illi:-

> *"… The memorandum and articles of FBS do not provide for shareholding classes such that therefore the Directors of this Company are not appointed in direct representation of the five shareholding families but are to be appointed by all the shareholders".*

Tajjeb li jigi rimarkat ukoll illi meta fl-ewwel rizoluzzjoni ta` T& L, Franco Busuttil kien nominat bhala direttur, dik in-nomina kienet saret ghal zmien definit. Kien ghalhekk illi fl-istess ittra tas-27 ta` Frar 2003 (fol 65) intqal illi:

> *"the shareholders of FBS may choose to retain Franco Busuttil as a Director of FBS beyond the term stipulated in the T & L resolution given to me and referred to above".*

Fil-fehma ta` l-Qorti, dak li sehh kien li saret nomina ghal direttur ; sussegwentement il-hatra jew l-ghazla effettiva saret mill-azzjonisti permezz ta` rizoluzzjoni. Infatti wara li saret in-nomina ta` Franco

Busuttil minn T&L, saret rizoluzzjoni straordinarja datata 6 ta` Mejju 2003 (fol 37) waqt li l-Form K kienet registrata fil-5 ta` Gunju 2003 b` effett mit-23 ta` Mejju 2003 (fol 81).

**c) <u>Il-hatra ta` Joseph Busuttil jnr minflok missieru Joseph Busuttil snr</u>**

Dwar il-hatra ta` Joseph Busuttil, tirrizulta rizoluzzjoni ta` l-azzjonisti kollha kif ukoll Form K kompletata u li kienet registrata mar-Registratur tal-Kumpanniji.

Is-socjeta` attrici tikkontendi illi l-Form K kienet ipprezentata qabel ma kienet iffirmata r-rizoluzzjoni.

Saret insistenza li ghal darb` ohra ma ssejhet ebda laqgha generali u ma saret l-ebda diskussjoni bejn l-azzjonisti dwar il-hatra.

Nonostante dak allegat, irrizulta li dwar Joseph Busuttil, saret rizoluzzjoni straordinarja datata 5 ta` Mejju 2008 (fol 40-41) filwaqt li Form K kienet registrata fit-12 ta` Mejju 2008 b` effett mill-5 ta` Mejju 2008 (fol 82).

Dan ikompli jikkonferma li l-hatra saret skont ma jipprovdu l-*memorandum u l-articles of association.*

**d) <u>Il-hatra ta` Suzanne Busuttil minflok missierha Anthony Busuttil</u>**

Is-socjeta` attrici tishaq illi mill-korrispondenza skambjata bejn il-familja ta` Anthony Busuttil, is-segretarju tal-kumpannija u c-Chairman ta` FBS jirrizulta illi li Suzanne Busuttil tinhatar direttur minflok missierha kien accettat mill-kumpannija minghajr problemi u minghajr ebda formalita`. La ssejhet laqgha generali, u lanqas ma saret referenza ghall-htiega li tittiehed rizoluzzjoni.

Is-socjeta`attrici tkompli ssostni illi x-xiehda ta` Av J J Vella fejn dan ighid illi kien hemm vot formali ghall-hatra ta` Suzanne Busuttil u li saret *shareholders` resolution* iffirmata mill-azzjonisti kollha li tirreferi ghall-hatra ta` Suzanne Busuttil u li giet datata 2 ta` April 2008 m`ghandhiex titwemmen meta titqies il-korrispondenza precedenti skambjata.

Saret insistenza da parti tas-socjeta` attrici illi r-rizoluzzjoni kienet iffirmata ferm wara li Suzanne Busuttil kienet mahtura direttur u ghahekk dik ir-rizoluzzjoni kienet biss semplici formalita` li kkonfermat l-ghazla ta` min kellu d-dritt jaghmilha minghajr konsultazzjoni jew kontestazzjoni.

Minn konsiderazzjoni tad-dokumenti relattivi, jirrizulta l-maqlub u cioe` illi kienet saret rizoluzzjoni straordinarja dwar il-hatra ta`

Suzanne Busuttil datata 2 ta` April 2008 (fol 38-39) u l-Form K kienet registrata wara u cioe` fil-11 ta` April 2008 b` effett mit-2 ta` April 2008 (fol 82).

Fil-fehma ta` l-Qorti, dak li sehh kien illi l-familja ta` Anthony Busuttil intalbet taghmel nomina u dik in-nomina imbaghad kellha tghaddi mill-vot ta` l-azzjonisti permezz ta` rizoluzzjoni. Hekk sar biex tigi salvagwardata l-pozizzjoni ta` dritt ossija li kollox jitmexxa skont l-istatut tas-socjeta`.

**e) <u>Il-hatra ta` Christian Busuttil minflok missieru Charles Busuttil</u>**

Skont is-socjeta` attrici, il-hatra ta` Christian Busuttil kienet l-ewwel darba li hatra ta` direttur kienet diskussa bejn l-azzjonisti. Mal-mewt ta` Charles, il-kumpannija ccirkolat rizoluzzjoni sabiex jinhatar Christian izda Suzanne u Brian Busuttil ma kinux disposti jiffirmaw ghax kellhom dubbji dwar jekk Christian kienx jikkwalifika bhala membru tal-kumpannija u allura biex ikun direttur skont il-*memorandum*.

Is-socjeta` attrici tirreferi ghall-fatt li fil-minuti nghad illi : '*Dr Vella explained the background leading to this proposed appointment pointing out that this was being done in accordance with the family tradition on this issue and in line with what happened in similar occasions in the past.*' (fol 71)

Intqal ukoll mis-socjeta` attrici illi ghalkemm dwar Christian, ittiehed vot, effettivament l-azzjonisti vvutaw skont il-ftehim illi kull familja ghandha dritt ghal direttur fuq il-Bord.

Fil-fehma ta` l-Qorti, dak li sehh kien illi Christian kien nominat direttur, u kienet ser tigi cirkolata rizoluzzjoni bil-miktub sabiex l-azzjonisti jiddeciedu dwar in-nomina. Madanakollu, Suzanne u Brian Busuttil kellhom riservi dwar l-eligibilita` ta` Christian tant kienu jaghtu importanza lil dak li kien ighid l-istatut u cioe illi direttur ried ikun azzjonista !

Dwar dak li inghad mis-segretarju tal-kumpannija, dan kien ghamilha cara fil-laqgha generali straordinarja illi n-nomina proposta kienet skont tradizzjoni u kwindi ma kien hemm ebda irbit legali fuq l-azzjonisti.

Dwar Christian Busuttil, saret laqgha straordinarja ta` l-azzjonisti fl-24 ta` Novembru 2011 (fol 42-43) u l-Form K kienet registrata fit-28 ta` Novembru 2011 b` effett mill-24 ta` Novembru 2011 (fol 83).

Dan juri li bil-maqlub ghal dak li ssottomettiet is-socjeta` attrici ir-risoluzzjonijietiet relattivi kienu mehtiega *ad validitatem* u ma kinux semplici *rubber-stamping* jew *after thought*.

f) **Konsiderazzjonijiet dwar il-hatriet**

Dak li l-Qorti tislet minn dawn l-istanzi ta` bdil fid-diretturi huwa li ghalkemm tassew kien hemm prattika fejn l-azzjonisti kienu jigu mitluba li jipproponu n-nomina ta` persuna mill-familja fejn ikun gie nieqes direttur sabiex l-ghazla proposta mill-familja titpogga ghall-vot ta` l-azzjonisti kollha ta` FBS, izda dik il-prattika ma kinitx tammonta ghall-akkwisizzjoni ta` xi dritt minn kull familja illi tahtar hi direttament l-ghazla taghha ta` direttur fuq il-bord. Li kieku verament kien hemm dan id-dritt xejn ma kien jaghmel sens li ssir rizoluzzjoni mill-azzjonisti kollha jew li jissejhu laqghat straordinarji sabiex jigi ikun mahtur jew rifjutat direttur.

Din il-Qorti taghti ukoll piz ghall-fatt illi l-azzjonisti rrifjutaw li jahtru lil Brian Busuttil fil-laqgha generali straordinarja tat-28 ta` Marzu 2013 wara li dan kien propost ghall-kariga mill-familja tieghu.

Huwa ben evidenti illi d-decizjoni ta` l-azzjonisti pprevaliet fuq dak li pproponiet dik il-familja, u ghalhekk Brian Busuttil ma kienx mahtur direttur.

Bhala fatt il-familja ta` Anthony Busuttil ilha mid-19 ta` Frar 2013 minghajr direttur taghha fuq il-bord ta` FBS.

Inoltre wara li Suzanne Busuttil tnehhiet minn direttur, il-familja taghha mxew ma` dak li kien ighid l-istatut, u ghamlu talba biex issir laqgha straordinarja ghall-hatra ta` direttur iehor mill-azzjonisti.

**Ghalhekk il-Qorti - minghajr l-icken esitazzjoni – tghid illi ma giex ippruvat illi prattika kkulminat jew ittrasformat ruhha fi *shareholders` agreement* li kellu jissupera dak stipolat fil-memorandum u fl-*articles of association.***

VI. **Konsiderazzjonijiet ohra**

Tajjeb jinghad illi s-socjeta` attrici ma sostnietx l-istanza taghha fuq il-pretensjoni li kien hemm prassi matul iz-zmien dwar il-hatra ta` diretturi.

Marret oltre.

U sahqet li kien hemm ukoll skrittura iffirmata bejn il-partijiet li tirrifletti s-*shareholders` agreement.*

Is-socjeta` attrici fissret il-posizzjoni taghha billi qalet illi kien hemm skrittura li tirrifletti l-ftehim bejn l-azzjonisti.

Ghamlet riferenza ghad-dokument ffirmat mill-azzjonisti jew rapprezentanti taghhom fix-xahar ta` Jannar 2000 (Dok JP 9 a fol 134 et seq).

Fid-dokument kienu nseriti diversi punti li l-azzjonisti qablu dwarhom.

Is-socjeta` attrici sahqet li dak il-ftehim ma kienx *lettera morta* bhalma xehed li kien Av J. J. Vella. Dik l-iskrittura kienet intiza biex tikkonsolida dak li kien diga` kien maqbul u fil-maggoranza tieghu kien twettaq bejn il-partijiet bejn l-1997 u l-2000.

Sar l-argument illi kien hemm numru ta` affarijiet fil-ftehim li kienu gew attwati kif ukoll kien hemm ohrajn li ma kienux twettqu.

Ghalhekk il-fatt li kien hemm affarijiet li ma gewx implimentati, ma jfissirx b`daqshekk li l-ftehim huwa *lettera morta*.

Madanakollu, meta jigi evalwat il-kontenut ta` l-iskrittura, jidher li l-kontenut ma giex implimentat.

Fl-ewwel lok, il-*management committee* li kellu jkun kompost mill-membri zghar tal-familja flimkien ma` Charles qatt ma twaqqaf.

Fit-tieni lok, il-process sabiex FBS tigi konvertita ghal *holding company* inbeda izda ma ntlahaqx ftehim partikolarment ghal dak li ghandu jirrigwarda qbil dwar *memorandum* u *articles of association* godda.

Fit-tielet lok, il-pjan li tigi mibdula l-kompozizzjoni tal-bord ta` l-*operating company* sabiex jinkludi terzi persuni li mhumiex membri tal-familja qatt ma twettaq hlief fl-2015 u fl-2016, ossija hmistax-il sena wara d-data ta` dan id-dokument.

Fir-raba` lok, fl-iskrittura tnizzel illi Anthony Busuttil iddikjara li uliedu ma kienux interessati fin-negozju tal-familja u li huwa kien qed jikkonsidra ibiegh l-ishma tieghu. Dan il-propositu ta` Anthony Busuttil baqa` ma avverax ruhu ghax il-familja ta` Anthony Busuttil ghadha parti minn FBS.

L-assjem ta` fatti u cirkostanzi juri illi dak kontenut fl-iskrittura baqa` ma kienx implimentat u fil-verita` spicca *lettera morta* ghaliex baqa` ma ntlahaqx ftehim <u>vinkolanti</u> bejn l-azzjonisti.

Inoltre li kieku verament dan kien jammonta ghal *shareholders` agreement*, ma kienx hemm raguni ghall-iskambju ta` korrispondenza bejn il-legali ta` l-azzjonisti sabiex jkun hemm bdil fil-*memorandum* u *articles of association* dwar il-mod kif jigu mahtura d-diretturi. Tant hu hekk illi l-legali ta` T&L stess baghat korrispondenza fis-6 ta` Settembru 2000 dwar il-bzonn ta` bidla dwar il-mod kif jigu mahruta d-diretturi.

Din il-Qorti gharblet is-sottomissjonijiet tal-intimati u anke l-iskrittura.

*Jidher* li dan id-dokument tal-11 ta` Jannar 2000 kien iffirmat mid-diretturi ta` FBS u mhux mill-azzjonisti. L-iskrittura mhijiex iffirmata mis-

socjeta` attrici li kienet l-azzjonista ta` FBS fiz-zmien tal-firma tal-iskrittura.

Lanqas ma hija l-iskrittura ffirmata mill-azzjonisti li kienu werrieta ta` Frank Busuttil u li fiz-zmien ta` l-iffirmar, kienu Antonia Busuttil, Simone Pace Busuttil, Maria Schaerrer Busuttil flimkien ma` Michael Busuttil. Michael Busuttil biss kien iffirma din l-iskrittura.

Jidher li d-dokument kien biss *memo* jew *aide mémoire* dwar diskussjonijiet li kienu saru bejn il-persuni hemm indikati ezattament tlett snin qabel ma kien iccirkolat.

Dak li attwalment gara kien illi min iffirma fl-2000 kienu d-diretturi ta` FBS li hadu decizjoni li jaghtu bidu ghal process biex jaghtu effett ghal punti li kienu sollevati.

Din il-Qorti ma tistax tqis illi dik l-iskrittura hija *shareholders` agreement* vinkolanti fuq il-partijiet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Minn dak li jinghad fl-iskrittura, jirrizulta li tnizzel biss dak li kien diskuss '*during these discussions'*.

Tnizzel illi kellu jsir '*the necessary paperwork and structure to convert FBS Ltd from an operating company to that of a holding company, in which each branch of the five families will appoint a director'*.

Il-fatt li tnizzel dan jindika li kien rikonoxxut mid-diretturi li hadu sehem fid-diskussjonijiet li ma kien jezisti l-ebda dritt spettanti lill-hames familji li jappuntaw direttur u ghalhekk sar ftehim li jibdew iwettqu t-triq b`mod li eventwalment ikun hemm dritt ta` dik ix-xorta inserit fil-*memorandum* u l-*articles of association*.

**Din il-Qorti tghid illi l-iskrittura tkompli tikkonferma kemm fil-verita` ma kien jezisti l-ebda dritt jew ftehim bejn l-azzjonisti li kull *original shareholder* ghandu dritt ghal hatra ta` direttur ta` l-ghazla tieghu.**

Li kieku dan kien minnu, x` kien is-sens u l-bzonn li fl-1997 u fl-2000 ikun diskuss jekk kull fergha tal-familja kellhiex tinghata d-dritt li tahtar direttur?

Din il-Qorti tara li l-fatt li nhass il-bzonn li jigi diskuss bdil dwar il-hatra ta` diretturi ghall-futur ifisser li l-pozizzjoni attwali kienet differenti u kienet konformi ma` dak stabbilit fil-*memorandum* u *articles of association*.

Fuq nota finali, il-Qorti tqis ukoll li anke li kieku ghall-grazzja ta` l-argument biss, l-iskrittura kellha titqies bhala *shareholders` agreement*, il-Qorti xorta wahda ma tistax tifhem kif dan jista` b` xi mod jorbot lil FBS.

Is-socjeta` rikorrenti argumentat li mhux mehtieg li l-kumpannija infisha tkun parti tal-ftehim. Sostniet izda li l-kumpannija hija parti ghall-ftehim mertu tal-kawza ghalkemm ma kienx hemm il-htiega li tkun parti. Id-dokument ta` Jannar 2000 sar parti mill-minuti tal-kumpannija, kien accettat mill-kumpannija, u sar att ta` l-istess kumpanija. Is-socjeta` rikorrenti fissret illi l-fatt illi tigi registrata Form K qabel issir *ordinary resolution* oggettivament tfisser li l-kumpannija aderiet ma` dak li l-azzjonisti ghamlu informalment bejniethom.

Dwar l-allegazzjoni li l-iskrittura saret att ta` FBS, il-Qorti ma ssibx li tressqu provi f`dan ir-rigward.

Gustament l-intimata FBS ghamlet referenza ghall-provvediment ta` din il-Qorti fl-atti tar-rikors ghal hrug ta` mandat ta` inibizzjoni numru 181/07 JRM fl-ismijiet **<u>Joseph Vincent sive Jovan Mizzi et vs Mizzi Group Limited et</u>** tas-7 ta` Marzu 2007 fejn il-Qorti rrilevat illi *ftehim bejn azzjonisti …. is purely personal and binds only the individual shareholder who has become a party to the contract u ma torbotx ukoll lill-kumpanija, l-aktar meta l-kumpanija ma tkunx firmatarja ta` dak il-ftehim… A shareholders` agreement can have the effect of binding the shareholders whilst being void as against the company*.

Saret referenza wkoll ghall-kaz Ingliz **<u>Welton vs Saffery</u>** (1897) A.C 299, fejn inghad illi : ‘ *… individual shareholders may deal with their own interests by contract in such way as they may think fit. But such contracts, whether made by all or some only of the shareholders, would create personal obligations, or an exceptio personalis against themselves only and would not become a regulation of the company or be binding on the transferees of the parties to it, or upon new or non assenting shareholders*.’

Saret ukoll riferenza ghad-decizjoni tat-18 ta` Lulju 2007 fil-kawza **<u>‘Robert Damkjaer (Malta  Limited vs Dr Henri Mizzi noe et’</u>** fejn inghad illi ladarba s-socjeta` rikorrenti mhjiex parti mis-*shareholders` agreement* ma tistax toqghod fuqu, u twettqu.

**Din il-Qorti tghid illi l-iskrittura de qua ma kinitx tammonta ghal *shareholders` agreement* u ghalhekk is-socjeta` attrici ma tistax isserrah il-kaz taghha fuq dak id-dokument billi dik l-iskrittura mhijiex vinkolanti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

Is-socjeta` attrici ghamlet ukoll l-argument illi tassew illi fil-memorandum hemm imnizzel li diretturi jistghu jigu eletti jew maghzula mill-membri tal-kumpannija. Is-socjeta` rikorrenti sostniet li r-referenza ghall-ghazla ta` diretturi, kuntrarjament ghall-hatra ta` diretturi, hija in linja mal-fatt li kien hemm vigenti dak li sejhet *shareholders agreement* fejn il-familja immedjata ta` *original shareholder* ghandha s-setgha li taghzel direttur hi biex jirraprezenta l-interessi taghha. Intqal li dak li

sehh matul is-snin, kien li saret ghazla tad-diretturi u li dan ma jmurx kontra l-*memorandum.*

Dan premess, u b`riferenza ghall-*articles of association* ta` FBS, is-socjeta` attrici ghamlet il-punt illi l-Art 5.7 ma jsemmiex li l-laqgha generali ghandha l-poter li tahtar diretturi.

Skont ir-rikorrenti, din l-ommissjoni fl-*articles of association* evidentement saret minhabba l-ftehim bejn l-azzjonisti.

Il-Qorti mhijiex konvinta li kien hemm xi prassi jew addirittura konwetudni li tikkorrabora t-tezi tal-attrici.

Lanqas ma hija konvinta li hemm xi ftehim bil-miktub li jigbor it-tezi tar-rikorrenti.

Ghal din il-Qorti li rrizulta ben evidenti huwa li fejn kien hemm bzonn li jsir bdil fil-*memorandum* u *articles of association*, minhabba zviluppi godda, dan il-bdil dejjem kien rifless fil-*memorandum* u *articles of association*.

Irrizulta mill-iskrittura de qua mill-mod kif dejjem imxiet il-familja fir-rigward ta` tibdil fir-regoli ta` bejniethom, dawn dejjem kienu assoggettati ghall-kitba fil-forma ta` tibdil fl-istatut.

Minkejja din il-preokkupazzjoni tal-familja Busuttil li kollox ikun mnizzel b` mod korrett fil-*memorandum* u *articles of association* ta` FBS, ma ttiehdu l-ebda passi sabiex dik l-iskrittura de qua jew din l-allegata *family tradition* tigi riflessa fil-*memorandum* u *articles of association* ta` FBS.

**Infatti, il-*memorandum* u l-*articles of association* baqghu l-istess u bla mittiefsa fir-rigward ta` l-hatra ta` diretturi.**

**Jinghad li l-istatut ta` FBS ma kienx xi statut *standard* izda kien wiehed li kien redatt apozitament ghal din il-kumpannija partikolari.**

**B`zieda ma` dan, kull darba li kien hemm qbil dwar xi bidla fir-regoli li jorbtu lill-azzjonsiti, din saret dejjem tramite bidla fl-istatut.**

Ladarba l-*memorandum* u *articles of association* ta` FBS huma siekta dwar il-mod tal-hatra tad-diretturi, ghandu jghodd dak illi jghid l-**<u>Art 139(4) tal-Kap 386</u>** li jghid :-

> *"unless otherwise provided in the memorandum or articles of a company, a director of a company other than the first directors shall be appointed by ordinary resolution of the company in general meeting".*

Fil-fatt hekk sar.

Fil-kaz ta` certa hatriet inkluzi dawk ta` Franco, Joseph u Suzanne Busuttil, l-azzjonisti kienu ghazlu li jahtru d-direttur permezz ta` rizoluzzjoni sottoskritta mill-azzjonisti kollha. Din tekwivali ghal approvazzjoni unanima f`laqgha generali skond l-**Art 210 tal-Kap 386**.

Mentri fil-kaz ta` Christian Busuttil saret laqgha generali straordinarja ta` l-azzjonisti fejn giet approvata b`maggoranza ta` 80% ta` l-azzjonisti.

**Ir-referenza li saret mis-socjeta` rikorrenti ghall-implikazzjonijiet u effetti ta` *shareholders` agreement* ma japplikawx ghall-kaz odjern peress li f`dan il-kaz, ma hemmx dan is-*shareholders` agreement* la bil-fomm u lanqas bil-miktub.**

**Din il-Qorti taqbel li jekk ikun hemm ftehim bejn l-azzjonisti dan huwa validu u jorbot lill-istess azzjonisti anke jekk dan ikun jirrigwarda d-dritt tal-vot ta` l-azzjonisti. Madanakollu, dak li kellu jigi ppruvat fl-ewwel lok huwa li kien hemm ftehim ezistenti bejn l-azzjonisti. Kellha ssir prova li kien hemm ftehim vinkolanti ezistenti li johloq rabta kuntrattwali – prova li ma saritx.**

Din il-Qorti tat ukoll piz ghall-fatt li s-socjeta` l-ohra tal-familja Busuttil, ossija B & S Contractors Limited li kienet registrata fid-29 ta` Gunju 1996 tipprovdi fl-istatut taghha li l-azzjonisti huma maqsuma fil-klassijiet skont il-familji u gie stipulat b`mod car ghall-ahhar li kull klassi ghandha d-dritt li tahtar direttur. L-azzjonisti taz-zewg kumpaniji huma l-istess, hlief ghal xi differenzi zghar fil-persentaggi, u ghalhekk kien ikun facli li l-azzjonisti ta` FBS jaqblu bejniethom sabiex jibdlu l-istatut ta` l-istess u b`hekk inehhu kull dubbju izda dan ma sarx.

**Fil-fehma ta` l-Qorti, l-azzjonisti kellhom id-dritt li jahtru jew jaghzlu d-diretturi bil-vot liberu taghhom, izda l-istess azzjonisti dejjem ezercitaw il-vot taghhom b`mod li assiguraw li kull familja tal-hamest ahwa subien tkun rapprezentata, mhux bi dritt imma fid-dawl ta` l-armonija li hija fl-ahjar interess ta` kulhadd.**

**Din il-Qorti tqis li qatt ma kien hemm ftehim li jorbot lill-azzjonisti ta` FBS b`mod li kull familja tal-hamest ahwa subien ikollha direttur. Kull nomina ma kenitx tigi accettata ghax kien hemm dritt.**

**Ghalhekk il-Qorti sejra toqghod fuq dak stipolat fil-*memorandum* u *articles of association* ta` FBS**”.

7. Rat ir-rikors tal-appell ta’ Suzanne Busuttil u ta’ Stealth Holdings Limited, li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka

u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Marzu, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi, sabiex minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-oħra (apparti dawk tal-appellanti), u tilqa' t-talbiet attriċi. Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti l-oħra jew l-ispejjeż tal-appellanti fuq il-partijiet l-oħra fil-kawża, kif jidhrilha din il-Qorti.

8. Rat ir-rikors tal-appell ta' T&L Holdings Limited, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi sabiex tiddeċiedi finalment il-kawża billi prevja tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kollha, minbarra ta' Suzanne Busuttil u ta' Stealth Holdings Limited, tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet attriċi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti.

9. Rat ir-risposta tal-appell ta' Suzanne Busuttil u ta' Stealth Holdings Limited għar-rikors tal-appell ta' T&L Holdings Limited, li permezz tagħha taqbel u taderixxi ma' dak sottomess mill-appellanti, b'dan illi Stealth Holdings Limited ma messhiex kienet ċitata u m'għandhiex tbati l-ispejjeż fi kwalunkwe każ u li din il-Qorti għandha tirrevoka s-sentenza appellata billi prevja riforma fis-sens indikat tal-ispejjeż ta' Stealth Holdings Limited, tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-konvenuti l-oħra.

10. Rat ir-risposta tal-appell ta' Francis Busuttil & Sons Limited għar-rikors tal-appell ta' Suzanne Busuttil u ta' Stealth Holdings Limited, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti tikkonferma d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-30 ta' Marzu, 2017, fin-numru 833/2014JZM fl-ismijiet **T&L Holdings Limited v. Francis Busuttil & Sons Limited** u tiċħad it-talbiet kollha formulati fl-appell odjern.

11. Rat ir-risposta tal-appell ta' Rebecca Darmanin Kissaun, Natasha Busuttil, Paul Busuttil, Joanna Decesare, Mary Ann Lanzon, Roberta Pecci Busuttil, Clarissa Pace, Maria Schaerrer Busuttil, Simone Pace Busuttil, Christian Busuttil, Joseph Busuttil, u Michael Busuttil għall-appell ta' T&L Holdings Limited, kif ukoll għall-appell ta' Suzanne Busuttil u ta' Stealth Holdings Limited, li permezz tagħha tissottometti li ż-żewġ appelli għandhom jiġu miċħuda u s-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

12. Rat ir-risposta tal-appell tas-soċjetà Francis Busuttil & Sons Limited għar-rikors tal-appell ta' T&L Holdings Limited, li permezz tagħha wieġbet li l-appell tas-soċjetà T&L Holdings Limited għandu jiġi miċħud u konsegwentement is-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

13. Semgħet it-trattazzjoni magħmula mid-difensuri tal-partijiet.

14. Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

15. Illi permezz ta' din il-kawża, is-soċjetà attriċi T&L Holdings Limited, (minn hawn 'il quddiem imsejħa T&L) bħala azzjonista tressaq il-pretensjoni tagħha li għandha l-jedd li jiġi maħtur fuq il-Bord tad-Diretturi ta' Francis Busuttil & Sons Limited (minn hawn 'il qudiem imsejħa FBS), dik il-persuna li minn żmien għal ieħor jogħġobha tinnomina.

16. Illi l-parti l-kbira tal-konvenuti (bl-eċċezzjoni ta' Suzanne Busuttil u ta' Stealth Holdings Limited) fis-sustanza wieġbu li s-soċjetà attriċi ma kellhiex jedd li jiġi maħtur fuq il-Bord tad-Diretturi ta' FBS, dik il-persuna li minn żmien għal żmien jogħġobha tinnomina. Mentri li konvenuti Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited wieġbu li jaqblu mas-soċjetà attriċi, li jeżisti dan il-patt li l-membri u azzjonisti tal-familja tal-*founding members* jew *legacy families* tal-ħames membri inizjali, għandhom dritt jinnominaw direttur fuq il-Bord tad-Diretturi ta' FBS.

17. Illi permezz tas-sentenza tat-30 ta' Marzu, 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża fis-sens illi, filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet

tal-konvenuti kollha, ħlief ta' Suzanne Busuttil u ta' Stealth Holdings Limited li kellhom l-eċċezzjonijet tagħhom miċħuda, u konsegwentement ċaħdet ukoll it-talba attriċi.

18. Il-konvenuti Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited, kif ukoll is-soċjetà attriċi T&L ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponew l-appell rispettiv tagħhom minnha.

19. L-appell ta' Suzanne Busuttil u ta' Stealth Holdings Limited jissejjes fuq l-aggravji li:

(A) fl-ewwel lok l-Ewwel Qorti injorat il-prattika kostanti li kull *legacy family* tappunta direttur fuq il-Bord ta' FBS, bħala rappreżentant tagħha, minħabba li n-negozju tal-familja Busuttil huwa wieħed ta' *quasi-partnership,* b'*legitimate expectations* li dawk involuti jipparteċipaw fin-negozju, kif ukoll interpretat b'mod ħażin u selettiv id-dokument tal-11 ta' Jannar, 2000;

(B) Interpretat b'mod ħażin ukoll il-prinċipji relattivi ta' *shareholders' agreement*; u (Ċ) Injorat il-fatt li ġie eċċepit ukoll li Stealth Holdings Limited mhix azzjonista f'FBS, imma huwa Brian Busuttil.

20. Mentri l-appell ta' T&L jissejjes fuq tliet aggravji li:

(I) l-Ewwel Qorti fehmet l-argumenti tagħha ħażin meta sabet li "*ma ġiex ippruvat illi l-prattika kkulminat jew ittrasformat ruħha fi shareholders' agreement*". Dan apparti li l-Ewwel Qorti bbażat ruħha fuq xhieda inattendibbli u konfliġġenti, filwaqt li skartat provi anke dokumentarji. Inoltre, l-appellanti ssostni li l-Ewwel Qorti interpretat ħażin l-argument tagħha meta sabet li l-ftehim inkwistjoni kellu jkun tali li "*jissupera dak stipolat fil-memorandum u fl-articles of association*", kif ukoll is-sottomissjonijiet tagħha li lil hinn mir-riżoluzzjonijiet, il-ftehim bejn l-azzjonisti kien li kull familja kellha dritt li taħtar direttur fuq il-Bord ta' FBS. Jekk fil-proċess kien hemm proċeduri li kellhom jiġu segwiti, l-azzjonisti ntrabtu li jagħtu effett lill-ftehim ta' bejniethom.

(II) L-Ewwel Qorti interpretat ħażin l-iskrittura ta' Jannar, 2000, meta sabet li:– (i) l-iskrittura ma kinitx tammonta għal *shareholders' agreement* u ma kellhiex validità, peress li ma kinitx iffirmata mill-azzjonisti imma mid-diretturi; (ii) ma tressqux provi biex juru li l-iskrittura saret att ta' FBS; (iii) l-iskrittura ma ġietx implimentata u kienet *"lettera morta".*

(III) L-argument tal-appellanti qatt ma kien li *shareholders' agreement* kien ibiddel dak li kien hemm imniżżel fil-*memorandum and articles* tal-kumpanija.

21. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, sa fejn fl-appell tagħhom Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited jippremettu l-interess tagħhom fil-proċeduri odjerni, jiġi osservat li ma jirriżultax li l-interess tagħhom fis-soċjetà FBS qatt kien ikkontestat mill-kontendenti fil-kawża u allura mhuwiex parti mil-*litis contestatio* fil-proċeduri in eżami.

22. Punt imqanqal mis-soċjetà appellata, FBS, fir-risposta tagħha għar-rikors tal-appell huwa dak fejn eċċepiet b'mod preliminari, in-nullità tar-rikors tal-appell ta' Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited, fuq il-bażi li l-appellanti, fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom kienu qalu li huma jaqblu mat-talba attriċi u ssottomettew ruħhom għad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. F'dan is-sens ġie nvokat mill-appellata l-Artikolu 228(1) tal-Kap. 12, li jipprovdi li m'hemmx appell mis-sentenzi mogħtija fuq ammissjoni tat-talba, jew minn sentenzi li l-parti taċċetta bir-rinunzja għall-appell jew billi toqgħod għal dak li tkun qatgħat is-sentenza. Jiġi osservat li għalkemm huwa minnu li l-appellanti inkwistjoni ammettew it-talbiet attriċi, jibqa' l-fatt li l-Ewwel Qorti, ċaħdet it-talbiet attriċi, sa fejn ma qisetx li kien jeżisti d-dritt vantat li l-azzjonisti għandhom dritt jaħtru direttur tal-għażla tagħhom fuq il-Bord ta' FBS; dritt li huwa sostnut ukoll mill-appellanti. Isegwi li huwa loġiku li ġaladarba t-talba attriċi ġiet miċħuda, il-konvenuti li kienu qegħdin isostnu l-istess dritt, jappellaw huma wkoll

mill-imsemmija sentenza. Għalhekk m'hemmx lok li tintlaqa' l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell.

23. Hekk ukoll, sa fejn jiġi rilevat mill-appellata FBS fir-risposta tal-appell tagħha li, jingħad mill-appellanti Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited, li skont l-Artikolu 144, l-appell tagħhom qiegħed isir kontra l-partijiet kollha, jitqies li peress li l-appell tagħhom tressaq mal-ewwel, b'mod indipendenti minn dak tas-soċjetà attriċi, kellu bilfors isir b'dan il-mod, sabiex is-sentenza ta' din il-Qorti jkollha effett fuq il-kontendenti kollha fil-kawża. Wara kollox, l-istess soċjetà attriċi wkoll ressqet appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, fejn il-parti l-kbira tal-aggravji tagħha huma simili għal dawk tal-appellanti l-oħra. Isegwi li l-appell ta' Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited, ma jitqiesx irrit u null kif issostni FBS.

24. L-ewwel żewġ punti elenkati mill-appellanti Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited, jiġu trattati mill-appellanti f'aggravju wieħed fejn jilmentaw li l-Ewwel Qorti fl-evalwazzjoni tagħha għamlet għażliet formalistiċi, li ma jħarsux lejn l-istorja, la l-konswetudini illi saret liġi bejn il-partijiet u lanqas apprezzat is-sinifikat tad-dokumenti esebiti. Dan l-aggravju jixbah sew l-ewwel aggravju ta' T&L li wkoll isostni, li bejn l-azzjonisti kien hemm ftehim li kull wieħed mill-ħamest aħwa (illum il-familji tagħhom) li għandhom l-ishma fil-kumpanija FBS, huma lkoll indaqs ma'

l-oħrajn, għandhom jedd li jagħżlu direttur fuq il-Bord tad-diretturi ta' FBS. Konsidrat li dawn iż-żewġ aggravji jixxiebhu, ser jiġu trattati f'daqqa.

25. Sa fejn dawn l-aggravji jattakkaw l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti, jiġi ribadit illi din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, jekk mhux għal xi raġuni gravi u impellenti, iżda min-naħa l-oħra, din il-Qorti xorta għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat, irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Anzi, f'sistema bħal tagħna, fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, din il-Qorti tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabbiltà tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et**). Jeħtieġ għalhekk li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli, filwaqt li tqis l-aggravji tal-appellanti.

26. Jibda billi jiġi osservat li, għakemm huwa normali li l-*articles of association* ta' kumpanija li jipprovdu għall-metodu ta' kif jinħatru d-diretturi tal-bord, peress li huwa dan id-dokument li huwa maħsub li jiggverna l-affarijiet interni tal-kumpanija (ara **Principles of Company Law** Vol. 1 pgs. 219 -221 u pg. 515 tal-**Professur Andrew Muscat**) mhuwiex eskluż li xi kultant, il-ħatra ta' diretturi tkun regolata permezz ta'

*shareholders' agreement.* Ovvjament, f'materja ta' provi, il-prinċipju li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, (Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) dak li fil-ġurisprudenza tagħna, jiġi deskritt bħala *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Isegwi li ġaladarba s-soċjetà attriċi kienet qiegħda tressaq il-pretensjoni tal-jedd tal-azzjonisti li jaħtru direttur fuq il-Bord tal-FBS, fuq il-bażi tal-provvedimenti tal-*memorandum* and *articles of association,* kif kumplimentati permezz ta' ftehim bejn l-azzjonisti, kien jaqa' fuqha l-piż li tressaq provi konvinċenti f'dan is-sens.

27. Minn eżami tal-provi fl-atti jirriżulta li, oriġinarjament, mill-kuntratt ta' ċessjoni u trasferiment ta' ishma f'FBS, datat 14 ta' April, 1959, fejn Paul Busuttil ittrasferixxa s-sehem ta' wieħed minn għaxra lil kull wieħed minn uliedu Frank, Joseph, Louis u Anthony, kien jipprovdi li t-tmexxija tan-negozju u l-amministrazzjoni kienet fdata f'idejn il-*Managing Director,* hemm identifikat bħala Paul Busuttil (ara fol. 160). Sussegwentement, permezz tal-minuti tal-laqgħa tal-20 ta' Mejju, 1968, jirriżulta li kienu emendati l-*memorandum and articles of association* li fihom jingħad li l-kumpanija tkun immexxija minn bord ta' diretturi li għandhom ikunu mhux inqas minn tlieta u mhux aktar minn sitta, fejn jingħad "*Directors shall be chosen or elected from members in the Company*" (ara fol. 168). Mentri d-diretturi hemm imniżżla kienu: Paul Busuttil, Frank Busuttil, Louis Busuttil, Joseph Busuttil u Anthony Busuttil, filwaqt li d-diretturi kellhom

jagħżlu fosthom *Chairman,* li jkun ukoll *Managing Director* tal-kumpanija (ara fol. 171). Għal darb'oħra, Paul Busuttil ġie identifikat bħala *Chairman,* u *Managing Director.* Mentri Charles Busuttil inħatar direttur fil-kumpanija FBS b'effett mill-1 ta' Ottubru, 1972 u saret il-Form K fit-8 ta' Jannar, 1973 (ara fol. 75).

28. Wara l-mewt ta' Paul Busuttil fis-16 ta' April, 1974, (ara fol. 76) saret emenda oħra fis-17 ta' Ġunju, 1974, fejn fost affarijiet oħra, apparti l-*Managing Director,* inħoloq ir-rwol ta' *Executive Director* li jintgħażel minn fost il-bqija tad-diretturi, filwaqt li l-bqija tad-diretturi jkunu *non-executive directors* (fol. 177). Trasferimenti ta' ishma bejn l-azzjonisti ma baqgħux suġġetti għall-approvazzjoni unanima, u tali trasferimenti setgħu jsiru mhux biss lill-membri tal-familja immedjata, iżda lil kull azzjonist (*pro rata*).

29. Ittieħdet riżoluzzjoni straordinarja mill-azzjonisti waqt laqgħa tat-22 ta' Diċembru, 1990, fejn saret emenda fil-*memorandum and articles of association* sabiex ġew introdotti tifsiriet ġodda ta' "*Immediate family",* *"Original shareholder", "Shareholding company"* u "*Disqualified company",* sabiex ġiet imdaħħla l-possibilità li l-ishma f'FBS jinżammu permezz ta' kumpaniji oħra, basta l-azzjonisti f'dawk il-kumpaniji jkunu membri tal-familja. Din l-emenda saret wara li jirriżulta li fl-1986, Louis

Busuttil ittrasferixxa l-ishma tiegħu fil-kumpanija FBS lil T&L (ara affidavit ta' Jean Paul Busuttil a fol. 57 tal-proċess).

Filwaqt li permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja mill-azzjonisti ta' FBS fid-9 ta' Marzu, 1991, qablu li jkun hemm emenda fil-*memorandum* fis-sens illi: "*Directors shall be chosen or elected from members in the company or members in the shareholding companies.*"

30. L-azzjonisti wettqu sostituzzjoni tal-*memorandum and articles of association* fil-31 ta' Awwissu, 2004 (ara fol. 184) fejn fost affarijiet oħra, jingħad li l-kumpanija tkun immexxija minn Bord tad-Diretturi, li ma jkunx magħmul b'inqas minn tlieta u mhux aktar minn sitt diretturi, liema diretturi jkunu magħżula jew maħtura mill-membri tal-kumpanija jew membri fil-kumpaniji azzjonisti. Id-Diretturi huma wkoll hemm elenkati bħala Michael Busuttil, Anthony Busuttil, Franco Busuttil, Charles Busuttil, Joseph Busuttil. Charles Busuttil huwa hemm identifikat bħala c-*Chairman and Managing Director.*

31. L-aħħar emenda fil-*Memorandum and Articles of Association* ta' FBS riżultanti mill-atti tal-kawża hija dik li saret fl-1 ta' Ġunju, 2009 (ara fol. 200) li kienet sempliċi bdil fl-*objects clause*.

32. Minn eżami ta' dawn id-dokumenti kollha, jirriżulta li l-*Memorandum and Articles of Association* ma jipprovdux għall-metodu ta' kif għandhom jinħatru d-Diretturi (salv li dawn għandhom ikunu membri). Din il-Qorti tasal li taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti fis-sens li jirriżulta evidenti li fejn kien hemm bżonn li jsir bdil fil-*memorandum* u *articles of association*, minħabba żviluppi ġodda, dan il-bdil dejjem kien rifless permezz ta' emendi (kwindi bil-kitba) fil-*memorandum* u *articles of association*. Dan ifisser li jitpoġġa piż akbar fuq T&L sabiex tistabilixxi l-eżistenza ta' ftehim li skont kif issostnu l-appellanti, bih kull waħda mill-ħames familji li għandha l-ishma fil-kumpanija FBS għandha l-jedd li tagħżel hi direttur fuq il-Bord tad-diretturi tal-kumpanija.

33. Għalkemm wieħed jista' jassimila l-arranġament tat-tqassim tal-ishma bejn il-ħames familji Busuttil bħala sħubija *(quasi-partnership*), hija l-fehma ta' din il-Qorti li t-tmexxija tal-kumpanija skont kif provdut statutorjament, ma jistax jitqabbel ma' sħubija (jew *quasi-partnership*). Dan jingħad peress li fl-ewwel lok fil-*memorandum* hemm kontemplat li l-inqas numru ta' diretturi għandu jkun ta' tlieta u l-akbar numru huwa ta' sitta (li jitlaq lil hinn mill-premessa ta' direttur għal kull wieħed mill-ħames familji). Din il-Qorti għalhekk ma taqbilx mal-appellanti meta jingħad minnhom li kull fergħa tal-familja ngħatat id-dritt li tpoġġi persuna tal-fiduċja tagħha fuq il-Bord. Fit-tieni lok, filwaqt li l-*memorandum* u *articles of association* sa mill-bidu kienu jipprovdu espressament għad-dritt ta' kull

familja li jkollha l-*original shareholder,* jew membru ieħor tal-familja tiegħu li jkun impjegat ma' FBS, ma hemm l-ebda klawsola simili fil-każ tal-ħatra tad-diretturi għall-Bord tad-diretturi ta' FBS. Kwindi, apparti li l-argumenti mressqa fl-appell ta' Suzanne Busuttil et rigward il-liġi l-ġdida dwar in-Negozji tal-Familja (Kap. 565) huma rrilevanti, lanqas jista' jingħad li tnisslet xi aspettattiva leġittima li l-azzjonisti jaħtru direttur tal-għażla tagħhom minn kull familja.

34. Dan jingħad ukoll peress li, kieku tassew kien jeżisti dan id-dritt, wieħed jistaqsi x'kienet tkun ir-relevanza tad-diskussjonijiet li seħħew lejn l-aħħar tas-snin disgħin u s-sena 2000, dwar il-ħtieġa li kull fergħa tal-familja tingħata d-dritt li taħtar direttur. Huwa f'dan il-kuntest, li wieħed irid jaqra d-dokument datat 11 ta' Jannar, 2000, (esebit bħala Dok. JP 9 esebit a fol. 134) li hija forma ta' nota jew *memo* maħruġa minn Charles Busuttil, lid-diretturi Louis Busuttil, Joseph Busuttil (Senior), Anthony Busuttil u Michael Busuttil, dwar l-eżerċizzju ta' ristrutturar tan-negozju tal-familja. Minn qari tal-istess dokument, jirriżulta qbil fil-prinċipju ffirmat mill-ħames diretturi li: (i) jitwaqqaf *Management Commitee* magħmul mill-membri żgħar fil-familja, minn Charles Busuttil u xi membri oħra esperti li ma jkunux membri tal-familja;(ii) li jsir l-eżerċizzju u jiġu ppreparati d-dokumenti meħtieġa sabiex FBS ma tibqax *operating company* iżda ssir *holding company*, u li kull fergħa tal-familja taħtar direttur; u (iii) li jkun hemm bidla fl-organizzazzjoni tal-kumpaniji, inkluż bidla fil-kompożizzjoni

tal-Bordijiet sabiex ikun hemm inklużi membri li ma jkunux parti mill-familja.

35. Jiġi osservat li titqies xierqa l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li din l-iskrittura ma tistax titqies bħala *shareholders' agreement*, peress li mhix iffirmata mill-azzjonisti kollha tal-FBS u li din l-iskrittura tista' fl-aħjar ipoteżi titqies bħala *memo* jew *aide memoire.* Dan jingħad peress li, apparti li dan id-dokument jikkostitwixxi ftehim fil-prinċipju bejn uħud mill-azzjonisti li kienu diretturi, ma kienx segwit bi ftehim jew kuntratt bejn l-azzjonisti kollha. Mid-diversi abbozzi mressqa mill-konsulenti legali tad-diversi fergħat tal-familja Busuttil, jirriżulta ċar li l-intenzjoni tal-azzjonisti kienet li dan il-ftehim irid jissarraf f'tibdil fil-*memorandum and articles of association* ta' FBS. (Ara fost oħrajn Dok JJV3 a fol. 304, Dok. JJV7 a fol. 349, Dok. JJV13 a fol. 380 u Dok. JJV14 a fol. 397 u Dok. JJV20 a fol. 450). Dan kollu jixhed li għalkemm l-azzjonisti setgħu kellhom qbil fil-prinċipju, baqgħu ma waslux għall-ftehim aħħari. F'dan is-sens hija relevanti l-osservazzjoni tal-appellati li b'referenza għall-awtur Bianca, jingħad:

> "*In generale, il contratto non puo dirsi concluso fino a quando l'accordo non e totale, e cioe fino a quando rimangono in sospeso i punti in discussione, siano essi essenziali o secondari".*
>
> **(Massimo Bianca (1987) *Il Contratto* Vol. III)**

Għalkemm huwa minnu li mhux kull tip ta' ftehim jeħtieġ li jirriżulta minn formalità tal-kitba, jew fil-kuntest ta' kumpanija ta' bidla fl-istatut,

ġaladarba l-azzjonisti wrew biċ-ċar li riedu r-rabta tal-kitba (permezz ta' tibdil fl-istatut) sabiex jixhed il-ftehim milħuq, ma jistax jingħad li mill-provi jirriżulta li ntlaħaq xi ftehim li jorbot lill-azzjonisti legalment, fil-forma ta' tibdil fl-istatut, kif sar minnhom f'okkażjonijiet oħra.

36. Relevanti wkoll f'dan is-sens huwa l-Artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li jipprovdi: "*Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità.*" Kif ingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-10 ta' Ġunju, 2005, fil-kawża fl-ismijiet **Stephen D'Alessandro *nomine* v. Carlo Cini et *nomine*:**

> ***"****Din id-dispozizzjoni ta' ligi giet interprtata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza App.S. Giuseppe Vella Gatt vs Giuseppe Darmanin bhala li tohloq prezunzjoni* <u>*juris et de jure*</u>*, "u hija intiza biex tipprevjeni u tiddirimi l-kwistjonijiet fil-kummerc u ghalhekk tipprevjeni l-kawzi ……. U tabilhaqq li kieku dik il-prezunzjoni kienet juris tantum, u ghalhekk tista' titwaqqa' bi provi testimonjali, l-effett kollu taghha kien jigi ridott fix-xejn; ghax l-iskop li ghalih saret, li tidderimi l-kwistjonijiet u tipprevjeni l-kawzi, ma kienx jista'jigi raggjunt".*

Ara f'dan is-sens ukoll, is-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-21 ta' Mejju, 2010, fl-ismijiet **Robert Pace Bonello et v. Malta Hotels and Restaurants Association**, fejn b'referenza għall-istess provvediment tal-liġi u għall-ġurisprudenza oħra, ingħad li f'tema ta' obbligazzjoni kummerċjali, qabel ma tiġi ffirmata l-iskrittura, ma jistax jingħad li l-ftehim hu perfett (ladarba l-intendiment bejn il-partijiet kien wieħed fejn il-ftehim verbali jissarraf f'kuntratt bil-miktub).

37. L-appellanti jsostnu wkoll li hija l-prattika li adottaw il-partijiet li meta kien hemm bidla fid-diretturi tal-FBS, ma kien hemm l-ebda formalità, iżda saret "*prassi*" jew "konswetudini" li kif jirtira jew jiġi nieqes membru tal-familja li jkun azzjonist, dan jiġi sostitwit b'membru tal-istess fergħa tal-familja li jkun propost minn dik il-familja. Mill-atti jirriżulta li l-ewwel direttur tal-kumpanija kien Paul Busuttil, li kien ukoll l-uniku direttur (ara fol. 75), li sussegwentement ħatar bħala diretturi lil uliedu Louis, Joseph (Senior), Frank u Anthony fl-1968, mal-bidla fl-istatut, mentri Charles laħaq fl-1972 (ara fol. 75). Dawn kienu l-ħames ulied subien ta' Paul Busuttil. Wara l-mewt ta' wieħed mit-tfal, Frank fl-10 ta' Diċembru, 1986, saret Form K sabiex kien mgħarraf li Frank ma kienx għadu direttur. F'dan il-każ jirriżulta li saret Form K fid-29 ta' Jannar, 1988, fejn Michael Busuttil inħatar direttur, b'effett mit-3 ta' Jannar, 1987, iżda ma hemmx provi oħra fir-rigward ta' kif intgħażel Michael, iżda dan ma jfissirx li ma saret l-ebda diskussjoni jew li ma ġiet segwita l-ebda formalità.

38. Wara dan, miet Louis Busuttil, u saret il-Form K fl-14 ta' Frar, 2003. L-imsemmi Louis kien qabel ittrasferixxa l-ishma tiegħu ta' 20% f'FBS lill-kumpanija T&L, li kienet imwaqqfa sabiex sussegwentment l-eredi tiegħu jkollhom is-sehem sħiħ ta' dan l-20% permezz ta' din il-kumpanija. Tirriżulta spjegata sew il-proċedura ta' sostituzzjoni ta' direttur, mill-

Avukat Vella fil-korrispondenza tiegħu, datata 27 ta' Frar, 2003 (ara Dok. JP1 a fol. 65):

> *"I am setting out the position regarding such an appointment in terms of the Companies Act and Articles of FBS.*
>
> *The Memorandum and Articles of FBS do not provide for shareholding classes such that therefore the Directors of this Company are not appointed in direct represenataion of the five shareholding families, but are to be appointed by all the shareholders.*
>
> *However, on the passing away of Louis Busuttil I was asked by members of the family to contact Franco and invite him (together with the other heirs of Louis Busuttil) to suggest a family member to act as a Director of FBS.*
>
> *This was in line with what had been done some years ago on the passing away of Frank Busuttil on which occasion Michael Busuttil had been appointed to serve on the Board of FBS".* (sottolinjar ta' din il-Qorti)

Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellanti, il-ħatra ta' Franco Busuttil mill-azzjonisti ma kinitx sempliċi formalità, peress li wara li huwa ġie nominat minn T&L, Franco Busuttil ġie maħtur direttur minflok missieru Louis, wara li saret riżoluzzjoni tal-azzjonisti fis-6 ta' Mejju, 2003 (ara fol. 37) u huwa daħal f'din il-kariga b'effett mit-23 ta' Mejju, 2003 (ara fol. 81).

39. Għalkemm fil-każ ta' Suzanne Busuttil, wara li sar it-trasferiment tal-ishma minn Anthony Busuttil favur uliedu Suzanne u Brian Busuttil, dik il-familja wriet ix-xewqa li tkun Suzanne li ssir direttur fuq il-Bord ta' FBS u ressqu n-nomina tagħha f'dan is-sens (ara Dok. JP3 a fol. 68). Kienet ir-riżoluzzjoni tal-azzjonisti tat-2 ta' April, 2008 li ġabet il-ħatra ta' Suzanne

fis-seħħ. Hekk kif irriżenja Anthony Busuttil fil-11 ta' April, 2008, saret Form K li tindika li Suzanne Busuttil inħatret minfloku b'effett mit-2 ta' April, 2008 (ara fol. 82).

40. Hekk ukoll, fil-każ tal-ħatra ta' Joseph Busuttil (Junior), wara li ġie nieqes Joseph Busuttil (Senior) fl-24 ta' Mejju, 2007, saret riżoluzzjoni datata 5 ta' Mejju, 2008 (ara fol. 40-41), sabiex inħatar minfloku mentri l-Form K daħlet fit-12 ta' Mejju, 2008, li tikkonferma li l-ħatra saret b'effett mill-5 ta' Mejju, 2008 (ara fol. 82). Dan kollu jixhed li filwaqt li jista' jingħad li n-nomina ta' persuna min-naħa tal-familja tista' tissejjaħ tradizzjoni, il-ħatriet dejjem baqgħu fil-poter tal-azzjonisti.

41. Fil-fatt, meta ġie nieqes Charles Busuttil, il-familja wriet ix-xewqa li minfloku jinħatar Christian. Iżda f'dan il-każ issejħet laqgħa ġenerali straordinarja (peress li Suzanne u Brian urew it-tħassib tagħhom dwar is-suċċessjoni ta' Charles Busuttil). Mill-minuti ta' dik il-laqgħa (tal-24 ta' Novembru, 2011) jirriżulta li filwaqt li Dr. Vella spjega li l-ħatra proposta ta' Christian kienet qiegħda ssir "*in accordance with the family tradition on this issue and in line with what had happened in similar occasions in the past.",* il-membri azzjonisti għaddew sabiex ivvutaw favur il-ħatra ta' Christian, bl-eċċezzjoni ta' Suzanne u Brian Busuttil li astjenew (ara fol. 42-43). Dan kien eżempju ċar tas-setgħat tal-azzjonisti fil-ħatra ta' diretturi fuq il-bord ta' FBS, li jġib fix-xejn l-argumenti tal-appellanti dwar

prattika jew konswetudni fil-ħatra ta' diretturi, li kien jissarraf fi ftehim li jorbot lill-azzjonisti. Saret Form K fit-2 ta' Diċembru, 2011, fejn Christian Busuttil inħatar Direttur, b'effett mill-24 ta' Novembru, 2011 (fol. 83).

42. Saret rassenja mill-ġdid ta' dawn il-provi riżultanti mill-atti peress li fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn kollha jixhdu li, kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellanti, il-ħatriet ma kinux prassi jew konswetudni, fis-sens li kien isir *rubber stamping* tan-nomina mressqa minn kull fergħa tal-familja, iżda l-azzjonisti kienu jfissru r-rieda tagħhom permezz ta' riżoluzzjoni. Kwindi, minkejja li din il-Qorti fliet mill-ġdid l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, ma jirriżultax lil din il-Qorti li l-Ewwel Qorti straħet fuq xhieda inattendibbli u konfliġġenti, jew li hemm xi raġunijiet validi biżżejjed biex jixħtu dubju raġonevoli fuq l-apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti. Anzi, kwalunkwe konflitt li seta' kien hemm fix-xhieda, ċertament ġiet iċċarata permezz tad-dokumenti esebiti fl-atti tal-kawża, li fuqhom ser tistrieħ ukoll din il-Qorti.

43. L-asserzjonijiet l-oħra tal-appellanti fir-rigward tar-riżoluzzjonijiet, huma fl-aħjar ipotesi konġetturali. Dan jingħad peress li minkejja li hemm xi kopji fl-atti ta' riżoluzzjonijiet bla data, il-fatt li l-Form K iddaħħlet wara li r-riżoluzzjoni tkun iffirmata minn kull azzjonist tirriżulta assodata mir-rendikont mogħti mill-istess awditur inkarigat mis-soċjetà attriċi appellanti

li għamel ir-riċerki dwar il-Forms K mal-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji (ara Dok. JP6 a fol. 74).

44. Lanqas jitqies ġust il-kumment tal-appellanti fir-rikors tal-appell li l-Ewwel Qorti ma qisetx ix-xhieda ta' Suzanne Busuttil u dan kif tixhed it-tieni parti tas-sentenza fejn saret rassenja sħiħa tal-provi, inkluż ix-xhieda tagħha (ara paġni 13-15 tas-sentenza appellata). Il-fatt li l-Ewwel Qorti ma qablitx ma' dik ix-xhieda hija kwistjoni oħra. Ix-xhieda tagħha li sa fejn taf hi ma kien jittieħed l-ebda vot fil-ħatra tad-diretturi ġodda, hija kontradetta mill-istess riżoluzzjonijiet esebiti fl-atti. Hekk ukoll, il-fatt li d-diretturi nominati mill-familji kienu bdew jattendu għal-laqgħat tal-Bord tad-diretturi ta' FBS, qabel ma tkun saret il-proċedura sħiħa meħtieġa sabiex dawn ikunu approvati bħala diretturi, ma tistax titqies bħala prova konvinċenti in sostenn tat-teżi tal-appellanti, iżda fl-aħjar xenarju, jista' jingħad li kien hemm ir-rieda tajba tad-diretturi li jinkludu l-persuni nominati mill-familji, bl-intendiment li jkun hemm transizzjoni aktar faċli bejn bidla ta' direttur u ieħor ġdid li jkun nominat minfloku. Magħdud kollox, din il-Qorti wkoll waslet għall-konklużjoni li l-istatut kien u baqa' s-sors aħħari tad-drittijiet u l-obbligi tal-azzjonisti fis-soċjetà FBS u mhux li kien hemm xi ftehim kuntrattwali li jorbot lill-azzjonisti.

45. Prova oħra ta' dan, hija t-tneħħija ta' Suzanne Busuttil minn direttur u n-nuqqas ta' Brian Busuttil li jinħatar direttur minkejja li saret in-nomina

tiegħu minn dik il-fergħa tal-familja Busuttil u ssejħet minnhom stess laqgħa straordinarja, li saret fit-28 ta' Marzu, 2013, sabiex Brian jinħatar mill-azzjonisti, fejn allura d-deċiżjoni tal-azzjonisti pprevaliet fuq dak propost mill-familja. Tabilħaqq, minkejja li fil-passat jidher li l-għaqal iddetta li, sabiex tinżamm l-armonija fi ħdan in-negozju tal-familja, jew fi kliem Anthony Busuttil skont l-irġulija, kull fergħa ngħatat l-opportunità li tinnomina direttur minn kull familja, meta nqala' l-għawġ li kien maħsub li ser iwassal għall-problemi fit-tmexxijja ta' FBS, l-azzjonisti ma naqsux milli jeżerċitaw is-setgħa tagħhom, li jieħdu dawk li fil-fehma tagħhom, kienu l-passi meħtieġa fl-aħjar interessi tal-kumpanija. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li jingħad mis-soċjetà attriċi appellanti, il-fatt li fil-parti l-kbira t-tfal ħadu l-post tal-ġenituri tagħhom, ma jistax jingħad li huwa inevitabbli, peress li l-aħħar kelma hija tal-azzjonisti.

46. Din hija l-kwistjoni fundamentali li ġustament ingħatat l-importanza meħtieġa mill-Ewwel Qorti meta qieset li r-riżoluzzjonijiet kienu meħtieġa *ad validatem*. In-nuqqas ta' prova ta' riżoluzzjoni fil-konfront ta' wieħed mid-diretturi (Michael Busuttil) ma tistax waħedha tissarraf fi prova ta' prattika u tegħleb il-bqija tal-provi mressqa fil-konfront tal-erba' diretturi l-oħra debitament maħtura mhux biss skont in-nomina tal-familja individwali, iżda skont ir-rieda tal-azzjonisti. Isegwi li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-prattika tan-nomina ta' persuna għal direttur, lanqas jista'

jingħad li ttrasformat ruħha f'konswetudini jew ftehim kuntrattwali bejn l-azzjonisti, hija waħda xierqa.

47. Kienet għalhekk konsegwenza loġika, li l-Ewwel Qorti waslet ukoll għad-deċiżjoni li fin-nuqqas ta' provvediment fil-*memorandum and articles of association,* kellu japplika l-Artikolu 139(4) tal-Kap. 386, fis-sens li kemm-il darba ma hemmx provdut xort'oħra, fil-*memorandum* jew bl-istatut tal-kumpanija, id-diretturi ta' kumpanija, għandhom jinħatru b'riżoluzzjoni ordinarja tal-kumpanija f'laqgħa ġenerali. Hekk jirriżulta li seħħ f'dan il-każ. Għalhekk, l-ewwel aggravju tas-soċjetà attriċi appellanti u l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appellanti l-oħra, ma jreġux u ser jiġu miċħuda.

48. Ser jiġi issa trattat it-tieni aggravju tas-soċjetà attriċi appellanti, dak dwar l-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti tal-iskrittura ta' Jannar tas-sena 2000, li fil-verità huwa simili għat-tieni punt imqanqal ukoll fl-ewwel aggravju tal-appellanti l-oħra. Fl-ewwel ilment tagħha, jingħad li l-Ewwel Qorti qalet li l-iskrittura ma kinitx tammonta għal *shareholders' agreement* u ma kellhiex validità peress li ma kinitx iffirmata mill-azzjonisti imma mid-diretturi, l-appellanti ssostni li d-diretturi kienu azzjonisti, li kienu l-istess nies u li l-bqija tal-azzjonisti kienu debitament rappreżentati mid-diretturi maħtura in rappreżentanza ta' kull waħda mill-ħames familji. Għalhekk

issostni li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-iskrittura kienet iffirmata mid-diretturi u mhux mill-azzjonisti, kienet waħda żbaljata.

49. Minn eżami tal-*memo* tal-11 ta' Jannar, 2000, jirriżulta lil din il-Qorti li din hija indirizzata lill-membri tal-bord tad-diretturi ta' FBS u mhux lill-azzjonisti tagħha, li fiha ssir referenza għad-diskussjonijiet informali li saru bejn il-membri tal-bord (fiha jingħad li ma kienx *formal board meeting*) u għalhekk ma kenux ittieħdu minuti. Dan isaħħaħ it-teżi tal-appellati li din il-korrispondenza kienet aktar forma ta' *aide memoire* milli ħaġa oħra. L-argument li dan id-dokument kien iffirmat mid-diretturi kollha li kienu wkoll azzjonisti huwa mxejjen mill-fatt li d-dokument kien iffirmat minn Charles, Joseph Senior, Anthony, Michael u Louis Busuttil. Filwaqt li l-ewwel erbgħa kienu diretturi u azzjonisti, mhux l-istess jista' jingħad fil-każ ta' Louis, li għalkemm fis-sena 2000 kien direttur ta' FBS, ma kienx ukoll azzjonist, hekk kif jirriżulta li l-ishma tiegħu kienu trasferiti lil T&L fis-sena 1986 (ara affidavit ta' Jean Paul Busuttil a fol. 57 tal-proċess). Sabiex id-dokument tas-sena 2000 jissarraf *f'shareholders' agreement* kien meħtieġ li kull wieħed mill-azzjonisti jiffirmah. Fil-fatt, fl-aħħar tal-*memo* jingħad li għandu jiġi ffirmat minn kull azzjonist. Iżda f'dan id-dokument hemm nieqes mhux biss il-firma ta' T&L bħala azzjonista, imma wkoll ta' Maria Schaerrer, Simone Pace u Antonia Busuttil, li kienu lkoll azzjonisti fis-sena 2000. Isegwi li din il-Qorti ma ssib

xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li dan id-dokument ma jistax jitqies bħala ftehim bejn l-azzjonisti.

50. It-tieni lment imqanqal mis-soċjetà attriċi appellanti huwa fir-rigward ta' dak li ngħad mill-Ewwel Qorti li ma tressqux provi biex juru li l-iskrittura saret att ta' FBS. Jiġi osservat li minkejja li dan id-dokument kien iffirmat mid-diretturi kollha tal-bord ta' FBS, jibqa' l-fatt li dan id-dokument huwa ftehim fil-prinċipju, ta' kif id-diretturi kienu qegħdin jipproponu li jmexxu 'l quddiem is-soċjetà FBS, u kif spjegat qabel f'paragrafu 35, ma jistax jitqies bħala l-ftehim aħħari li jorbot lill-kumpanija jew lill-azzjonisti tagħha. Jiġi ribadit li minkejja li dan id-dokument kien iffirmat mid-diretturi kollha ta' FBS, dan kien biss il-pass preliminari, tant hu hekk li fl-istess dokument jiġu elenkati numru ta' affarijiet li kellhom isiru, fosthom "*Prepare the necessary paperwork and structure to Convert FBS Ltd. from an Operating Company to that of a Holding Company; in which each branch of the five families will appoint the director.*" Hekk ukoll, lanqas saret il-prova li dak id-dokument sar att ta' FBS kif issostni s-soċjetà attriċi appellanti. Jibqgħu relevanti s-siltiet ċitati mill-Ewwel Qorti, fosthom fil-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Joseph Vincent *sive* Jovan Mizzi et v. Mizzi Group Limited et**, fejn ingħad li *ftehim bejn azzjonisti …. is purely personal and binds only the individual shareholder who has become a party to the contract u ma*

*torbotx ukoll lill-kumpanija, l-aktar meta l-kumpanija ma tkunx firmatarja ta` dak il-ftehim…*

51. Effettivement, fis-snin li segwew, kien hemm diversi trattattivi u abbozzi intiżi għall-bidla meħtieġa fil-*memorandum and articles of association* ta’ FBS. Iżda minkejja li dan iservi sabiex juri t-tendenza jew rieda tad-diretturi li jwasslu lill-azzjonisti għall-ftehim bil-għan jew ħsieb għall-integrazzjoni ta’ dan il-prinċipju maqbul fl-2000, jibqa’ l-fatt li kif osservat f’paragrafu 35 ta’ din is-sentenza, l-azzjonisti qatt ma waslu għall-abbozz finali u definittiv maqbul bejniethom, li wassal għall-emendi meħtieġa fil-*memorandum and articles of association* ta’ FBS. Sabiex dan il-ftehim jitqies validu, kien meħtieġ li jiġi ppruvat il-*consensus ad idem* tal-azzjonisti li jissarraf fi ftehim bejn l-azzjonisti jew permezz tal-emendi meħtieġa għall-*memorandum and articles of association* ta’ FBS u mhux biss tad-diretturi. Skont l-istess ġurisprudenza ċitata mill-Ewwel Qorti, id-diretturi ma jistgħux jissostitwixxu l-kunsens tal-azzjonisti f’affarijiet li jaqgħu fil-parametri tas-setgħat tal-azzjonisti.

52. It-tielet ilment taħt it-tieni aggravu jitratta dak li ngħad mill-Ewwel Qorti fis-sens li l-iskrittura ma ġietx implimentata u kienet *“lettera morta”.* B’żieda ma’ dak li ngħad qabel, dwar id-diversi abbozzi u tentattivi ta’ ristrutturar ta’ FBS, relevanti hija l-osservazzjoni tal-appellati fis-sens li, il-konsulenti legali tas-soċjetà attriċi appellanti, ipparteċipaw f’dan il-

proċess ta' diskussjonijiet bil-għan li jintaħaq ftehim dwar ir-ristrutturar, sabiex fost affarijiet oħra jwassal għall-bidla ta' kif jiġu maħtura d-diretturi tal-Bord ta' FBS (ara fol. 338). F'dak l-istadju, ħadd mill-konsulenti ma ressaq l-argument dwar l-eżistenza ta' ftehim iffirmat mid-diretturi, li kien jeħles lill-azzjonisti mill-ħtieġa li jaslu fi ftehim dwar *memorandum and articles of association* ta' FBS li jirriflettu l-prinċipju maqbul. Sa fejn il-prinċipju ta' ftehim baqa' prinċipju u qatt ma wasal li jiġi attwat b'mod finali, tabilħaqq isarraf *f'lettera morta* peress li ma jorbotx lill-azzjonisti.

53. Il-fatt waħdu li n-negozju li qabel kienet tagħmel FBS beda jiġi mwettaq minn Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited, lanqas ma jista' jittieħed li jfisser li l-*memo* tal-11 ta' Jannar, 2000 kienet qiegħda tiġi implimentata. Dan peress li jibqa' l-fatt li l-istatut tas-soċjetà FBS dwar kif jinħatru d-diretturi, baqa' ma nbidilx u għalhekk jibqa' applikabbli l-Artikolu 139 tal-Kap. 386. Dan apparti numru oħra ta' affarijiet imsemmija f'dak id-dokument, li baqgħu ma ġewx implimentati.

54. Lanqas ireġi l-aħħar ilment tal-appellanti, fir-rigward tal-fatt li huma kienu qegħdin jippretendu li jiġi rispettat il-ftehim milħuq bejn il-partijiet kollha. Din il-Qorti taqbel ma' ta' qabilha meta ngħad li l-iskrittura tas-sena 2000 hija prova li ma kien jeżisti l-ebda dritt jew ftehim bejn l-azzjonisti li kull azzjonist oriġinali għandu dritt għall-ħatra ta' direttur tal-għażla tiegħu. F'dan is-sens kienet korretta l-Ewwel Qorti meta staqsiet

x'kien il-bżonn ta' din l-iskrittura, li kieku kulħadd kien jaqbel mal-mod ta' kif kellhom jinħatru d-diretturi. Inoltre, jiġi ribadit li dan id-dokument kien iffirmat mid-diretturi u mhux mill-azzjonisti kollha ta' FBS, u għalhekk ma kienx hemm il-qbil vinkolanti li tittanta targumenta l-appellanti. Isegwi li s-soċjetà attriċi appellanti ma rnexxilhiex tressaq prova ċara u konvinċenti li kien jeżisti ftehim li kull waħda mill-ħames familji li għandha l-ishma f'FBS għandha l-jedd li tagħżel direttur fuq il-Bord tad-diretturi tal-kumpanija. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, it-tieni aggravju tas-soċjetà attriċi appellanti, bid-diversi lmenti hemm imfissra, kif ukoll it-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-appellanti l-oħra, ukoll ma jimmeritawx li jiġu milqugħa.

55. L-aħħar aggravju tas-soċjetà attriċi appellanti jgħid li l-argument tagħha qatt ma kien li *shareholders' agreement* kien ibiddel dak li kien hemm imniżżel fil-*memorandum and articles* tal-kumpanija. Minkejja li tikkonċedi li d-diretturi ta' FBS jiġu appuntati skont l-istatut u li japplika l-Artikolu 139 tal-Kap. 386, ladarba l-azzjonisti kollha qablu u ftehmu li kull familja ta' *original shareholder* għandu jkollha rappreżentant tagħha fuq il-Bord ta' FBS, u għalhekk ftehmu li meta tittieħed deċiżjoni għall-ħatra tad-diretturi, jagħtu effett għall-għażla ta' xulxin. Dan fil-fehma tal-appellanti jikkumplimenta l-*memorandum and articles of association* u la jmur kontrih u lanqas jissorvolah. B'hekk, il-vot tal-azzjonisti jsir sempliċi formalità, jew *rubberstamping* tal-għażla tad-direttur li tkun saret mill-

familja. Issostni li ma hemm l-ebda kunflitt bejn l-istatut u l-ftehim bejn l-azzjonisti, iżda dawn jikkumplimentaw lil xulxin, wara kollox tgħid li l-ftehim ma jmurx kontra dak li jingħad fl-istatut, iżda pjuttost li hemm *lacuna* fil-*memorandum*. Inoltre, tisħaq li minn eżami tal-abbozzi ta' emendi għall-*memorandum* jirriżulta li kien hemm qbil fuq il-punt li kull familja (lil hinn jekk tkunx klassi jew perċentwal ta' 20%) għandu jkollha jedd li taħtar direttur direttament fuq il-Bord. Jiġifieri n-nuqqas ta' qbil kien fuq affarijiet oħra.

56. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-aggravju tas-soċjetà attriċi appellanti mhux daqstant ċar u jirrażenta l-fieragħ. Jekk kemm-il darba s-soċjetà attriċi taqbel mal-applikabbilità tal-Artikolu 139(4) (illum is-subinċiż (3)), dan ifisser li jeħtieġ li l-ħatra ta' direttur tkun regolata jew permezz tal-*memorandum* jew l-istatut tal-kumpanija, jew permezz ta' riżoluzzjoni ordinarja tal-kumpanija f'laqgħa ġenerali. Fin-nuqqas tal-istatut ta' FBS li jipprovdi għall-metodu ta' ħatra tad-diretturi, jeħtieġ li jew li l-istatut ta' FBS jiġi mibdul, ħaġa li għadha ma saritx sal-lum; jew li l-azzjonisti jaħtru d-diretturi permezz ta' riżoluzzjoni ordinarja, kif wara kollox jirriżulta li sar s'issa. Fin-nuqqas ta' prova ċara li l-azzjonisti daħlu fi ftehim (*shareholders' agreement)* li jissarraf f'rabta kuntrattwali kif imfisser qabel, sabiex id-diretturi ta' FBS jinħatru b'mod differenti, dan l-aħħar aggravju tal-appellanti li l-ħatra ta' diretturi tispetta lill-familja u li l-

approvazzjoni tal-azzjonisti hija biss formalità, ma jreġix. Għalhekk dan l-aggravju wkoll ser jiġi miċħud.

57. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju, dak fejn l-appellanti Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited jikkontendu li l-Ewwel Qorti njorat ukoll l-eċċezzjoni tagħhom li Stealth Holdings ġiet ċitata għal xejn, peress li mhix l-azzjonista, iżda l-azzjonist l-ieħor huwa Brian Busuttil.

58. Minkejja li jirriżulta li dan il-punt tassew ġie rilevat fl-eċċezzjonijiet, il-mod kif ingħad li "jiġi ċċarat", u l-fatt li l-istess Stealth Holdings ma talbitx li tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju, anzi lanqas jirriżulta li kien hemm xi insistenza min-naħa tagħha li jiġi deċiż il-punt dwar in-nuqqas ta' *locus standi* tagħha f'din il-kawża, peress li mhix azzjonista, jagħmel dan l-aggravju wkoll wieħed fieragħ. Isegwi li jista' jingħad li s-soċjetà konvenuta Stealth Holdings Limited qagħdet għall-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, aktarx peress li l-azzjoni attriċi hija waħda ta' natura dikjaratorja, tant li din il-konvenuta rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti. Għalhekk din il-Qorti ma tlumx lill-Ewwel Qorti li ma daħlitx fil-mertu ta' din il-kwistjoni, peress li kif ingħad mill-istess soċjetà konvenuta, sar bħala punt aktar milli eċċezzjoni. Wieħed ma jistax jippretendi li l-Qrati jitrattaw punti li ma jirriżultawx bħala talba magħmula fir-rikors promotur jew fl-eċċezzjonijiet. Għalhekk dan l-aggravju ser jiġi wkoll miċħud.

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet kollha, filwaqt li din il-Qorti tiddisponi kemm mill-appell ta' T&L Holdings Limited, kif ukoll mill-appell ta' Suzanne Busuttil u Stealth Holdings Limited, billi tiċħad l-istess, tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Marzu, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sħiħ.

Bl-ispejjeż tal-Prim Istanza jibqgħu kif deċiż mill-Ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu kontra l-istess appellanti, u billi ż-żewġ appelli jitqiesu li kienu fiergħa u vessatorji, b'applikazzjoni tal-Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, qiegħed jiġi ordnat li l-ispejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu għal darbtejn.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm